Il-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI
**Magistrat Dr. Astrid May Grima B.A. LL.D. Adv. Trib. Eccles. Melit.**

**Illum, it-30 ta' Jannar 2025**

**Kump Nru: 200/2021**

**Il-Pulizija**
**(Spt Lydon Zammit**
**Spt Stephen Gulia**
**Spt Kevin Pulis)**

**Versus**

**Jeremy Borg**
**(295901L)**

**Il–Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet kontra **Jeremy Borg** detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 295901(L), akkuzat talli:

1. Nhar it-30 ta' Marzu 2021 ghal habta ta' 20:00hrs ta' filghaxija minn gewwa l-istabiliment 'Jeff's Pastizzeria' li tinsab fi Triq San Bartolomew f'Hal Qormi ikkommetta serq ta' flus kontanti, ikkwalifikat bil-vjolenza, bil-valur li ma jeccedix l-elfejn, tliet mija u disgha w ghoxrin Ewro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) u bil-hin u li sar ghad-dannu ta' Joseph Mallia u/jew Jeffrey Farrugia u/jew ta' xi persuna/i ohra u/jew entitajiet ohra.

2. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi bla ordni skont il-ligi tal-awtorita' kompetenti, u barra mill- kazijiet li fihom il-ligi taghti s- setgha lill-privat li jarresta lill-hati, arresta, zamm jew issekwestra lil Joseph Mallia kontra l-volonta' tieghu u dan bil-hsieb ta' estorsjoni ta' flus jew hwejjeg ohra u/jew biex ikun imgieghel jaccetta li jaghmel xi trasferiment ta' hwejgu.

3. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi garr 'il barra minn xi fond jew id-dintorni tieghu xi sikkina jew strument li jaqta' jew bil-ponta ta' liema xorta jkun minghajr ma kellu licenzja jew permess minghand il-Kummissarju tal-Pulizija.

4. Fl-istess dati, hinijiet, lok u cirkustanzi kiser il-provedimenti ta' sentenza sospiza moghtija fil-konfront tieghu b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta), Magistrat Dr J. Mifsud LL.D., datata 18 ta' Jannar 2020, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tinbidel.

5. U aktar talli fl-istess dati, hin, lok u cirkostanzi irrenda ruhu ricediv ai termini tal-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta permezz ta' sentenzi moghtija fil-konfront tieghu, mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi huma definittivi u ma jistghux jinbidlu.

Il-Qorti hija gentilment mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lil-akkuzat ghal-hlas ta' spejjes li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta

Il-Qorti hija mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-ligi, tapplika l-artikoli 383, 384, 385 u 412C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ghas-sigurta ta' dawn il-persuni fuq indikati.

Rat l-Artikoli pprezentati fil-15 ta' Frar 2024, (esebiti *a fol*. 335 tal-atti processwali) fejn l-Avukat Generali dehrlu li tista' tinstab htija (jew htijiet) fil-konfront tal-imputat taht dak li hemm mahsub fil-konfront ta' Jeremy Borg:

1. Fl-Artikoli 261(a)(c)(f), 262(1)(a)(b)(2), 267, 270, 275, 277(a), 279(a), 280 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
2. Fl-Artikoli 86, 87(1)(e) tal- Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
3. Fl-Artikoli 6, 51(7) tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta;
4. Fl-Artikoli 28B tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
5. Fl-Artikoli 49, 50, 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
6. Fl-Artikoli 17, 31 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat li waqt l-udjenza tal-15 ta' Frar 2024, l-imputat wiegeb li m' ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Rat id-dokumenti kollha prezentati fl-atti processwali.

Semghet ix-xhieda.

Semghat it-trattazzjoni finali tal-partijiet.

**Ikkunsidrat**

Illi it-12 ta' April 2021 xehed l-iSpettur Lydon Zammit[1] fejn qal illi fit-30 ta' Marzu 2021, ghal habta tat-8.30pm, il-Pulizija ta' Hal-Qormi gew infurmati minn Joseph Mallia, li kienet sehhet serqa minn Jeff's Pastizzeria f'Hal-Qormi, fejn persuna dahlet u ppuntat turnavit lejh, u kienet serqet il-flus li wara gie stabbilit li l-ammont kien madwar €980. Il-Pulizija marru fuq il-post fejn kien hemm Joseph Mallia, li kien il-lavrant, u Jeffrey Farrugia li kien is-sid. Joseph Mallia qal illi dahal persuna fil-hanut li ghalkemm kien liebes maskla tal-Covid, gharfu mill-ewwel bhala Jeremy Borg maghruf bhala l-iswed, ghax kien jahdem maghhom xi sena qabel. Kif dahal l-imputat, hareg turnavit lejh u qallu *'Guz bilfors se jkolli nisirqek'*. L-agressur ipprova jiftah il-cash u ma setax u b'hekk kien Joseph Mallia stess li fetahlu l-cash u l-imputat ha xi €6, izda baqa' diehel fil-kamra ta' wara, u minn hemm ha l-boroz tal-flus li kien fihom €980. Minn CCTV tal-hanut jidher l-incident u jingharaf il-persuna bhala Jeremy Borg, fejn l-ewwel dahal, imbotta d-display, jidher jitkellem u l-ewwel tidher il-cash register u wara baqa' diehel fuq wara u jidher qed jiehu l-boroz. Infethet inkjesta u Jeremy Borg gie arrestat f'xi 12.00am minn flat gewwa l-Gzira flimkien ma' Reuben Gatt u Tyson Grech. Wara li tkellem mal-avukat tieghu, ghazel li jirrilaxxa stqarrija fejn l-imputat ammetta li kien seraq, u qal illi l-flus kien hbihom f'tieqa vicin fil-flat fejn instab, izda qal li ma kien hemm hadd iehor involut f'din is-serqa, tant illi kien mar bil-karozza tal-linja. Mill-investigazzjoni li ghamlu jidher illi Jeremy Borg wasal fuq il-post f'Peugeot li kien qed jaghmel uzu minnha Tyson Borg, li kien ma' Jeremy Borg meta nstab fil-flat il-Gzira. Minn CCTVs li ngabru l-imputat jidher hiereg mill-vettura, jmur jaghmel is-serqa waqt illi l-karozza tidher tistennieh, u hu jerga' jirkeb fil-karozza minn naha tal-passiggier u l-karozza qabdet issuq qabel ma Jeremy dahal fil-karozza, u ghalhekk zgur li Jeremy ma kienx wahdu. Huma ma sabux flus ghand Jeremy, izda nstabu mitt euro coins ghand persuna li kienet mieghu. Ix-xhud pprezenta rapport immarkat Dok LZ1 u l-istqarrija LZ2.

---

[1] Fol. 18A

Illi xehed Joseph Mallia[2] fejn qal illi xi gimghatejn qabel fit-7.50pm kien xoghol fil-hanut Jeff's Pastizzeria f'Hal-Qormi u ra d-display tal-pastizzi titressaq u dahal fil-hanut Jeremy Borg, li kien jafu ghax kien jmur jixtri mill-hanut u kien ghamel xi jumejn jahdem mieghu hemm ukoll. L-imputat qallu bilfors irid il-flus, u kellu turnavit zghir f'idejh li zammu l-isfel u ma ppuntahx lejh. Hu resaq lura u qallu hu li trid, fejn Jeremy ipprova jiftah il-cash register u tah error, u fetahlu l-cash hu. Kien hemm €5 u ftit zghar biss, ghax hu kien diga' ghadd il-flus u nehhihom mill-cash. L-imputat qallu *'fejnhom il-flus'* u hu qallu li kienu fuq il-mejda fuq wara tal-hanut, u l-imputat dahal u ha l-boroz, borza biz-zghar u borza bil-karti tal-flus, f'total ta' €982 u telaq. L-imputat dahal minn naha tax-xellug u hareg minn naha tal-lemin, izda ix-xhud ma rax kif telaq minn fuq il-post ghax ma harigx warajh. Ix-xhud qal li hu kien taht xokk u cempel lill-imghallem u l-Pulizija. Ix-xhud kompla jghid li minghalih li Jeremy kien liebes l-ahmar u gharfu mill-ewwel kif dahal fil-hanut, kien rah xi tlett gimghat qabel ghax kien mar jixtri mill-hanut.

Illi xehed Jeffrey Farrugia[3], li kien is-sid tal-hanut bl-isem Jeffrey's Pastizzeria gewwa Hal-Qormi. Fit-30 ta' Marzu 2021, kien cempillu Joseph Mallia u qallu mill-ewwel li kien dahal Jeremy Borg u li kien ha €985. Hu kien jafu peress illi ghamel xi gimghatejn jew tlieta jahdem mieghu fil-fabbrika, ftit qabel Marzu 2021 u kien hadem xi jumejn minnhom ma' Joseph fil-hanut. Hu kellu camera l-hanut u wera r-recording lill-Pulizija.

Illi fl-20 ta' Mejju 2021 xehed Stephen Cachia[4] li pprezenta Dok SC1[5] li kienet ricerka fuq il-vettura IQZ 846 Peugeot 108 kulur abjad li ilha registrata fuq Christian Borg ghan-nom ta' Princess Garage mill-2016.

Illi xehed PS 610 Mark Anthony Spiteri[6] fejn qal li fit-30 ta' Marzu ghal habta tat-8.30pm ircevew telefonata minghand Joseph Mallia li qal illi kienet sehhet serqa ta' flus mill-hanut fejn kien jahdem Jeff's Pastizzeria f'Hal-Qormi. Hu mar fil-hanut flimkien mal-Pulizija tieghu, fejn fil-hanut kien hemm sid il-hanut u Joseph Mallia, li qal illi kien ghadu kemm ghalaq il-cash u pogga l-flus fuq wara, meta dahal ragel b'turnavit f'idu li kien liebes flokk ahmar u talbu l-flus. Kien sejjahlu b'ismu u fil-fatt gharfu

[2] Fol. 18G
[3] Fol. 18O
[4] Fol. 30A
[5] Fol. 27
[6] Fol. 30B

bhala Jeremy Borg ghax kien hadem xi granet mieghu fil-hanut. L-ewwelipprova jiftah il-cash register hu u peress illi ra li kellu turnavit f'idu fetahlu l-cash hu, u peress illi kien hemm ftit zghar fil-cash urieh li kellu l-flus fuq wara u l-persuna ha l-flus minn wara u telaq. Hu ra is-CCTV u gharaf lil Jeremy Borg, ghax kien jafu, ghalkemm kien liebes maskla tal-Covid taht geddumu u kien qed jgharfu ukoll fl-awla.

Illi PC 1307 Leon Baldacchino[7] xehed illi fit-30 ta' Marzu 2021 ghal habta tat-8.30 kien ircieva telefonata li kienet sehhet serqa f'Jeff's Pastizzeria f'Hal-Qormi, fejn mar fuq il-post u sab lil Joseph Mallia li qallu li kienu serquh u hadulu bejn €900 u €1000. Meta saqsieh kellux hjiel min seta' serqu, semmielu lil Jeremy Borg, li gharfu fl-awla ghax kien jafu minn diversi rapporti, u kif wasal PS610 kompla bl-investigazzjoni hu.

Illi fl-1 ta' Lulju 2021 xehed PS1255 Christian Azzopardi[8] fejn qal li fit-30 ta' Marzu 2021, kien gie infurmat li kien hemm serqa minghand Jeff's Pastizzeria f'Hal-Qormi, u mill-investigazzjoni li ghamel u mill-filmati li raw, identifikaw lil Jeremy Borg, li gharfu mill-ewwel fl-awla ghax jafu minn kazijiet ohra. L-ghada gew infurmati li l-imputat kien gie arrestat mill-iSpettur Jonathan Ransley rigward xi haga ohra, u hu u l-iSpettur Lydon Zammit marru gabru lil Jeremy Borg. Dak in-nhar marru fir-residenza minn fejn kien gie arrestat l-imputat f'Tas-Sliema, biex jaraw isibux il-hwejjeg li ntuzaw fis-serqa izda ma sabuhomx. Ix-xhud ipprezenta l-karozza li ntuzat fis-serqa bin-numru IQZ847 formalment, li giet immarkata Dok AMG1 u Dok CA1 li huma d-dettalji tal-karozza.

Illi xehed Christian Borg [9] fejn qal li jahdem bhala operatur ta' car hire u car dealer bl-isem Princess Garage No Deposit Cars. B'referenza ghall-vettura Peugeot 108 bin-numru IQZ 847 jghid illi kien hemm kuntratt ta' hire purchase ffirmat ma' Tyson Grech fit-3 ta' Awwissu 2019, li ipprezentaha u gie immarkat Dok KE1[10].

Illi PS772 Dennis Agius[11] xehed fejn qal illi kien mitlub jaghmel tfittxija fuq is-sistema, biex jara jekk Jeremy Borg qattx kellu licenzja ta' armi, u irrizulta li qatt ma kellu licenzja u m'hemm ebda applikazzjoni pendenti. Ix-xhud pprezenta Dok DA1.

[7] Fol. 30E
[8] Fol. 46A
[9] Fol. 46D
[10] Fol. 39
[11] Fol. 46F

Illi fl-10 ta'Marzu 2022, xehdet id-deputat registratur Margaret Debattista li ezebit process verbal bin-numru 660/2021 redatt mill-Magistrat Astrid May Grima, maghluq fid-9 ta' Lulju 2021, dwar serqa minn persuna armata f'Jeffs Pastizzeria f'Hal-Qormi, li gie mmarkat bhala Dok MDB1.[12]

Illi fid-9 ta' Frar 2023, xehed Keith Cutajar illi kien gie nnominat fl-inkjesta bhala Espert Tekniku biex jeleva l-filmati kollha ta' CCTV's relatati ma' dan il-kaz, fejn kien hareg ir-recordings minn hames CCTVs f'lokazzjonijiet diversi f'Hal-Qormi, li huma ndikati f'pagna 3 tar-rapport tieghu. Hu hareg stills minnhom fejn tidher attivita' vicin il-*cash register* u attivita' barra tal-istess persuna, u pprezenta r-rapport tieghu mmarkat Dok KC1.[13]

Illi fl-inkjesta kienu gew nnominati PC1491 Kurt Attard u PS2293 Michelle Marie Camilleri bhala SOCO li xehdu fis-16 ta' Gunju 2022. PS2293 xehdet illi fl-20 ta' Marzu 2021, hi kienet giet innominata flimkien ma' PC1491 biex jaccedu gewwa Jeff's Pastizzeria gewwa Hal-Qormi, u hadu l-impronti digitali permezz ta' powder u pniezel, fejn hadu 5 impronti digitali li huma mmarkati Dok 21AOV301 sa 21AOV305, li pprezentat fir-rapport mmarkat Dok MC1. Xehed ukoll PC1491 fejn qal li fit-30 ta' Marzu 2021, kien gie infurmat mill-iSpettur Kevin Pulis, li kien sehh hold up gewwa Jeff's Pastizzeria f'Hal-Qormi, u hu kien ha hsieb il-fotografija fejn kien ha sittax-il ritratt li qeghdin fir-rapport li kien qieghed jipprezenta u qieghed jigi mmarkat Dok KA1[14].

Illi fil-5 ta'Mejju 2022 xehed Tyson Grech[15] li gharaf lill-imputat bhala habib tieghu u kkonferma li l-Pulizija kienu kellmuh fuq vettura, izda jghid illi Jeremy Borg qatt m'ghamel uzu mill-vettura tieghu Puegeot bin-numru IQZ846, izda kien Hubert Bonello Gatt li kien juzaha f'Marzu u April 2021. Hu kien ma' Jeremy Borg meta hu kien gie arrestat. Fil-fatt kien ghadu qieghed ihallas il-vettura bil-hir*e purchase*, ghax hu jixtri l-vetturi biex jikrihom. Meta l-imputat gie arrestat kien f'xi 10.00pm u kien ghadu kemm wasal, hu kien ma' Jeremy u Hubert filghaxija, izda ma kienux flimkien matul il-gurnata.

[12] Fol. 101 et seq
[13] Fol. 223
[14] Fol. 143
[15] Fol. 130a

Illi fl-24 ta' Novembru 2022, xehdet Dr. Marisa Lautier Mifsud li kienet giet nnominata mill-Qorti biex taghmel traskrizzjoni tal-interrogazzjoni ta' Jeremy Borg, li kien fuq CD li kien qieghed jigi ritornat flimkien mar-rapport taghha mmarkat Dok MLM1.[16] Fl-istqarrija l-imputat qal illi hu mar fil-hanut Jeff's fit-30 ta' Marzu 2021, kien hemm Joseph Mallia li kien jafu, u ordna xi ikel u ma hallasx taghhom ghax kellu l-guh. Hu qal illi kien wahdu u kien mar Hal-Qormi b'tal-linja, u mexxa ftit il-bank tad-display il-quddiem ghax dan kien bir-roti, ipprova jiftah il-cash imma ma setax isib il-buttuna u qal lil Joseph biex jiftahulu u li ma kienx hemm flus. L-imputat saqsa lil Joseph Mallia fejn kienu l-flus, u dan qallu li kienu fuq wara. L-imputat qallu li ma kien ser jaghmillu xejn, qabad il-flus u telaq 'il barra. L-imputat qal li jahseb li gharfu u fil-fatt hu kien sejjahlu Guz kif dahal. L-imputat qal li hu ma kellux turnavit f'idejh, ma kellu xejn f'idejh. Wara mar lura l-Gzira b'tal-linja. L-imputat qal li hu ma fetahx il-boroz tal-flus u kif wasal il-Gzira poggihom mat-tieqa biex l-ohrajn ma jindunawx bihom u meta mar ghalihom x'hin arrestawh ma sabhomx hemm. Hu kien rema' l-hwejjeg li kien liebes.

Illi fit- 30 ta' Marzu 2023 xehed l-iSpettur Stephen Gulia[17] , fejn qal li ghal-habta tat-8.30pm l-Pulizija ta' Hal-Qormi kienu gew infurmati minn Joseph Mallia li kien jahdem gewwa Jeff's Pastizzeria, Qormi li kien ghadu kemm insteraq waqt hold up minn persuna maskili u kienu insterqu €980 fi flus kontanti. Mill-istharrig irrrizulta illi l-persuna li dahlet fil-hanut kellu turnavit f'idejh u gie identifikat minn CCTV bhala Jeremy Borg, kif ukoll minn Joseph Mallia li gharfu, ghax kien ghamel xi jumejn xoghol mieghu fil-hanut. Minn CCTV cameras fl-akkwati rrizulta illi Jeremy Borg wasal u harab minn fuq il-post bil-vettura tal-ghamla Peugeot bin-numru ta' registrazzjoni IQZ846 ta' lewn abjad, fejn hu kien dahal fin-naha tal-passigier u ghalhekk kien suspettat li ma kienx wahdu. Fil-31 ta' Marzu 2021 gew infurmati illi l-imputat kien gie arrestat flimkien ma' Tyson Grech u Hubert Gatt, b'konnesjoni ma' rapport iehor mill-iSpettur Ransley minn tas-Sliema fejn irrizulta li kien hemm l-istess vettura IQZ846, li giet irmunkata ghall-kwartieri generali tal-Pulizija ghal aktar stharrig. Qabel ma ttiehdet l-istqarrija tal-imputat awdio viswali, li gharaf fl-awla, kien ghazel li jikkonsulta ma' l-Avukat Dr. Chris Frendo fejn ammetta l-involviment tieghu, izda cahad illi kien hemm persuni

[16] Fol. 194
[17] Fol. 286A

ohra involuti, ghax kien uza l-mezzi tat-trasport pubbliku. Ix-xhud ipprezenta tlett sentenzi li gew mmarkati Dok SGX1, SGX2 u SGX3.

Illi fit-8 ta' Gunju 2023 xehdet Maria Grech li pprezentat Dok MG1[18] li huwa rapport tal-multa wara sentenza Pulizija vs Jeremy Borg fejn ma kienx hemm appell u lista ta' multi li ghandu Jeremy Borg.

Illi fit-23 ta' Novembru 2023, xehed Joseph Mallia li waqt is seduta tad-19 ta' Ottubru 2023 kien ha l-impronti digitali tal-imputat, li gew immarkati Dok JB1 u JB2. Hu kien irtira Dok 21AOV301 sa 305 u ghamel ezami komparattiv u kien qed jirritorna d-dokumenti kollha u jezebixxi r-rapport tieghu mmarkat JM1[19].

Illi xehed ukoll l-iSpettur Kevin Pulis[20] fejn qal illi fit-30 ta' Marzu 2023 kien gie infurmat minn PS610 li kien sehh *hold up* f'Jeff's Pastizzeria f'Hal-Qormi fejn kien dahal persuna maskili, li l-impjegat Joseph Mallia kien identifika l-persuna bhala Jeremy Borg. Ix-xhud kompla jghid illi Joseph Mallia gharaf lill-imputat, peress illi kien jafu ghax kien hadem fil-hanut mieghu ghal xi granet u kif dahal fil-hanut kien qallu '*Guz bilfors ser jkolli nisirqek'*. L-imputat kellu turnavit f'idu u beda jipprova jiftah il-cash imma, ma rrnexxielux u Jeremy ordna lil Joseph biex jiftah il-cash register fejn kien ha l-flus minn hemm, u kien qabad ukoll zewg boroz li kellhom il-flus kontanti fihom u telaq. Is-sid Jeffrey Zammit u Joseph Mallia qalu illl l-ammont ta' flus misruqa kien ta' madwar €980. Kien hemm CCTV camera fil-hanut fejn setghu jaraw lil Jeremy Borg, li gharfuh mill-ewwel ghax kien maghruf mal-Pulizija ta' Hal-Qormi. Minn cameras ohra fl-akkwati, stabilixxew li kien mar bil-vettura Peugeot 108 bajda bin-numru IQZ846, fejn jidher diehel fil-vettura bil-boroz f'idu. Jeremy Borg kien gie arrestat 'l ghada minn tas-Sliema flimkien ma' Tyson Grech u Hubert Gatt fuq kaz iehor. Ix-xhud kompla jghid illi huma ghamlu interrogazzjoni lil Jeremy Borg wara li dan ikkonsulta ma Dr. Chris Frendo, fejn kien ammetta l-involviment tieghu, izda qal illi kien mar hemm wahdu fuq tal-linja. Ix-xhud qal li kien informa lill-Magistrat tal-Ghassa u kienet infethet inkjesta u nhatru l-esperti, u hu kien ressaq lil Jeremy Borg b'arrest. Minn aktar investigazzjoni kien irrizulta li l-persuna l-ohra involuta f'din il-hold up kienet Hubert Gatt fejn kien ukoll tressaq il-Qorti.

---

[18] Fol. 297
[19] Fol. 316
[20] Fol. 327

**Ikkunsidrat**

**<u>Dwar l-ewwel (1) imputazzjoni – Artikoli</u> 261(a)(c)(f), 262(1)(a)(b)(2), 267, 270, 275, 277(a), 279(a), 280(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta**

Illi fit-30 ta' Marzu 2021 fit-8.30pm, sehhet serqa minn persuna maskili mill-hanut Jeff's Pastizzeria. Joseph Mallia li kien impjegat fil-hanut, gharaf lil din il-persuna mill-ewwel, kemm minn wiccu ghax kien jafu, kif ukoll minn lehnu ghax kien kellmu, bhala l-imputat Jeremy Borg, li kien liebes flokk ahmar u kellu turnavit f'idu. Illi l-imputat ha l-ftit flus li kien hemm fil-cash register kif ukoll il-kumplament tal-flus li kienu f'boroz fil-kamra ta' wara tal-hanut u telaq 'il barra. L-ammont totali li nsteraq kien ta' €985. L-imputat kien intaghraf ukoll minn CCTV cameras li kien hemm fil-hanut u minn cameras fl-akkwati, fejn jidher l-imputat jitlaq minn fuq il-post go karozza Peugeot 108 bajda bin-numru IQZ846 li kienet f'isem Tyson Borg.

Illi fl-istqarrija l-imputat Jeremy Borg ammetta li kien seraq mill-hanut, izda cahad illi kellu turnavit f'idejh, jew li kien hemm xi persuna ohra mieghu, ghax qal illi kien mar u telaq minn Hal-Qormi b'tal-linja. Mill-provi jirrizulta illi l-imputat ikkommetta r-reat ta' serq aggravat bi vjolenza, bil-hin, u bl-ammont li ma jeccedix l-elfejn, tliet mija u disgha w ghoxrin Ewro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) u ghalhekk il-Qorti wara li rat ix-xiehda u d-dokumenti pprezentati fl-atti processwali hija konvinta illi din l-imputazzjoni fil-konfront ta' l-imputat giet ppruvata sal-grad rikjest mill-Ligi.

**It-tieni (2) imputazzjoni – Artikoli 86 u 87(1)(e) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta**

Illi l-imputat qed jigi akkuzat illi talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi bla ordni skont il-ligi tal-awtorita' kompetenti, u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta lill-hati, arresta, zamm jew issekwestra lil Joseph Mallia kontra l-volonta' tieghu u dan bil-hsieb ta' estorsjoni ta' flus jew hwejjeg ohra u/jew biex ikun imgieghel jaccetta li jaghmel xi trasferiment ta' hwejgu.

Illi l-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija v. Christopher Zammit'** [21] fejn inghad illi;

*"biex jissussisti r-reat ta' sekwestru tal-persuna huwa bizzejjed illi tirriżulta xi waħda miċ-ċirkostanzi ravviżati fl-Artikolu 86 u ċioè l-arrest, jew iż-żamma jew is-sekwestru tal-persuna kontra l-volonta tagħha, u dan mingħajr ordni skont il-liġi tal-awtorità kompetenti".*

L-ewwel nett zgur li hu pacifiku li l-imputat ma kellux ordni skond l-Ligi t'awtorita kompetenti biex jarresta lil xi hadd. Izda minn naha l-ohra jista' jinghad li huwa b'xi mod arresta, zamm jew issekwestra lill-vittma Joseph Mallia? Fil-fatt uza l-kliem '*Guz ser jkolli nisirqek*' li bl-ebda mod ma juru li Joseph inzamm milli johrog 'il barra mill-hanut.

Illi fis-sentenza deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali, fit-12 ta' Marzu 2019, fil-kawza fl-ismijiet, **'Il-Pulizija vs Josmar Pace'**[22] il-Qorti qalet;

*'Ma kien hemm l-ebda zamma. L-ebda bieb ma gie maghluq. L-ebda kliem ma inghad li jindika li s-sinjura Scerri ma setghetx tallontana ruhha. L-hsieb taghha kien wiehed mhux li titlaq'l barra izda li tatih il-flus biex hu jitlaq il-barra. Dik kienett id-decisjoni li ghamlet dak il-hin. Fl-ebda hin tghid li xtaqet titlaq pero' ma setghetx. Din l-akkuza ghalhekk ma tirrizultsax kif tajjeb osservat u kkonkludiet l-ewwel Qorti.*

Illi ghalhekk il-Qorti wara li semghat ix-xhieda u rat l-provi migjuba, specjalment dik ta' Joseph Mallia, hija konvinta **illi din l-imputazzjoni fil-konfront ta' l-imputat ma gietx ippruvata sal-grad rikjest mill-Ligi.**

**It-tielet (3) imputazzjoni – Artikoli 6, 51(7) u 55(a) tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta**

Illi l-imputat qed jigi akkuzat illi talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi garr 'il barra minn xi fond jew id-dintorni tieghu xi sikkina jew strument li jaqta' jew bil-ponta ta' liema xorta jkun minghajr ma kellu licenzja jew permess minghand il-Kummissarju tal-Pulizija.

---

[21] Deciza 1 ta' Dicembru 2022 – Qorti tal-Magistrati per Magistrat Dr Rachel Montebello
[22] Citata fis-Sentenza 'Pulizija vs Christopher Zammit', Deciza 1 ta' Dicembru 2022 – Qorti tal-Magistrati per Magistrat Dr Rachel Montebello

Illi fix-xhieda tieghu, Joseph Mallia kien konsistenti, kemm meta xehed fl-Inkjesta kif ukoll meta xehed quddiem din il-Qorti hekk kif preseduta, illi l-imputat kellu turnavit f'idejh meta dahal fil-hanut u talbu l-flus u li dan it-turnavit zammu f'idejh. Ghalhekk il-Qorti wara li rat ix-xiehda u rat l-provi mressqa hija konvinta illi din l-akkuza giet ppruvata sal-grad rikjest mill-Ligi.

**Ir-raba' (4) u l-hames (5) imputazzjoni – Artikoli 28A, 28B, 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta**

Illi l-prosekuzzjoni pprezentaw is-sentenzi moghtija fil-konfront ta' l-imputat li jinstabu fl-atti processwali tal-kawza odjerna *a fol*. 276-286, u ghalhekk l-ksur ta' sentenza sospiza u r-recidiva gew ppruvati sal-grad rikjest mill-Ligi.

<u>**Decide**</u>

Ghal dawn il-motivi il-Qorti **qed tillibera lill-imputat minn akkuza numru (2),** u wara li rat l-Artikolu 7, 8, 28A, 28B, 31, 49, 50, 261(a)(c)(f), 262(1)(a)(b)(2), 267, 270, 277(a), 279(a), 280(2), u 289 tal-Kapitolu 9 u Artikolu 6, u 51(7) tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta, **qed issib lill-imputat Jeremy Borg hati ta' l-imputazzjonijiet numru wiehed (1), tlieta (3), erbgha (4) u hamsa (5) migjuba kontrih u qed tikkundannah ghal disa' (9) xhur prigunerija effettiva, kif ukoll ghal hlas ta' multa ghas-somma ta' mija u sittax-il Euro u sebgha u erbghin centezmu (€ 116.47)**

**In oltre ai termini ta' l-Artikolu 28B tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti qed tordna illi l-piena ta' hdax-il xahar (11) prigunerija li gew sospizi ghal-erbgha (4) snin, permezz tas-sentenza 'Pulizija vs Jeremy Borg et' datata 18 ta' Jannar 2020, (per Magistrat Dr Joseph Mifsud) ghandha tibda ssehh.**

Dwar it-talba tal-prosekuzzjoni, sabiex din il-Qorti taghti garanzija fil-konfront tal-*parte civile* **Joseph Mallia u Jeffrey Farrugia ai termini tal-Artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta,** fic-cirkostanzi din il-Qorti thoss li tali talba hija gustifikata u qeda torbot lill-imputat **Jeremy Borg** b'garanzija personali ta' **elfejn Euro (€2,000) ghal zmien sena mit-tmiem ta' l-inkarcerazzjoni tieghu,** u dan billi ma jimmolestax, ma jddejjaqx u ma jingurjax lill- *parte civile* **Joseph Mallia u Jeffrey Farrugia**.

Illi **ai termini ta' l-Artikolu 533** tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti **qed tordna lill-hati Jeremy Borg sabiex ihallas is-somma ta' elf sebgha mija u hamsa u hamsin Euro u tlieta u disghin centezmu (€ 1,755.93)** rapprezentati spejjez ta' l-Esperti mahtura fil-kawza odjerna.

Tordna notifika ta' din is-sentenza u d-digrieti annessi lill-Kummissarju tal-Pulizija, lid-Direttur tal-Facilita' Korrettiva ta' Kordin, lid-Direttur tas-Servizzi tal-Probation and Parole kif ukoll lis-CEO ta' l-Agenzija tal-Qorti u lir-Registratur tal-Qrati u Tribunali Kriminali.

Ai termini tal-Artikolu 392A(2) tal-Kodiċi Kriminali, il-Qorti tordna li fi żmien sitt (6) ijiem tax-xogħol, l-Avukat Ġenerali jingħata aċċess għal kopja skenjata tal-atti, flimkien m'aċċess għal kopja skenjata tas-sentenza.

**Dr. Astrid May Grima B.A. LL.D. Adv. Trib. Eccles. Melit.**
**Magistrat**